**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, is-27 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 488/2012

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Dennis Theuma)

**kontra**

**MOSBAH MOHSEN BEN BRAHIM**

(Detentur tal-passaport Tunezin bin-numru E 619226)

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mosbah Mohsen Ben Brahim,** ta' 51 sena, iben Ibrahim u Omelkhir nee Akramija mwieled it-Tunezija fl-1 ta' Marzu 1961 u detentur tal-passaport Tunezin bin-numru tar-registrazzjoni E 619226, senjatament akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar is-17 ta' mejju 2009 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i, minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' malta, u minghajr ma kont awotrizzat bir-regoli tan-1939, ghal kontroll Inern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939, ghall-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939)), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;

2. ittanta jaghmel reat kontra din l-Ordinanza, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat ai termini tal-artikolu 22 sub inciz 5 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. minghajr awtorita' legittima dhhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin oggetti ikun li jkunu specifikament medicini perikoluza (droga eroina) liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess Ligi.
4. Din il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex titratta mal-imputat Mosbah Mohsen Ben Brahim talli huwa recediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 17 ta' Frar 2012, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat ukoll il-kunsens ghall-procedura sommarja mahrug mill-Avukat Generali nhar il-21 ta' Frar 2012[2]

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

---

[1] Fol. 14 tal-atti processwali
[2] Fol. 15 tal-atti processwali.

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Il-kaz odjern jirrisali lura ghas-17 ta’ Mejju 2009 meta Gina Lia giet arrestata waqt li kienet qed tistenna ghal vista lill-prigunier gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, wara li sustanza suspettata droga giet elevata minn that is-siggu fejn instabet bilqieghda. Mill-analizi li saret mill-espert mahtur ghal dan l-iskop mill-Magistrat Inkwerenti, l-ispizjar Mario Mifsud, ikkonkluda li s-sustanza elevata minn taht is-siggu kienet herojina b’piz ta’ 4.82grammi. Wara din is-sejba saret tfittxija fil-locker fejn Lia kienet halliet l-effetti personali taghha u hemmhekk instab *air pistol* u go kaxxa tal-plastik ta’ lewn ahmar fil-handbag taghha instab pakkett iehor kontenenti s-sustanza eroina fl-ammont ta’ 4.83g. Fil-fatt l-ispizjar Mifsud ikkonkluda li kumplessivament instab:

> *“… il-piz net ta’ 9.65 grammi, instabet fihom is-sustanza herojina. Il-purita’ medja tat-trab kannella, li kien hemm fid-dokument 038/10/01 u 038/10/02 rispettivament, ghas-sustanza herojina kienet ta’ circa 42.3%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi that l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.”*[3]

Gina Lia giet arrestata u fl-investigazzjonijiet ikkoperat mal-pulizija tant li ghamlet stqarrija gguramentata. F’din l-istqarrija guramentata, Lia stqarret li hija kienet ilha madwar tlett xhur qabel il-kaz tikkonsma d-droga eroina fejn kienet tiehu bejn nofs sa tlett kwarti ta’ gramma kuljum. Hija stqarret ukoll li dakinhar tas-17 ta’ Mejju 2009, hija kienet marret biex taghmel visit lill-qua imputat li kienet saret tafu minn meta huha kien dahal fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin. Hija kkonfermat li d-droga li nstabet mdawra bit-tape iswed mal-art vicin is-siggu li kienet bilqieghda fuqu Lia, kienet taghha u li kienet propju hija stess li ramietha mal-art. Skond l-istqarrija kkonfermata bil-gurament Lia ddikjarat li l-imsemmija droga kienet ghal Mohsen u li kienet dahlet id-droga gewwa l-habs madwar hames darbiet qabel fit-tlett xhur ta’ qabel din l-okkazzjoni. Kull darba dahlet madwar hames grammi eroina u li l-imsemmija sustanza kienet ghal Mohsen. Lia tghid ukoll li Mohsen kien ihallasha sabiex ddahhalu d-droga l-habs. Tghid li f’dik l-okkazzjoni kien hallasha billi taha hames grammi li kienet marret tigbor minghand terza persuna skond l-istruzzjonijiet li kien taha Mohsen. Tghid li lil dan il-persuna kienet tatu madwar Eur. 420. Lia tispjega ukoll li darba Mohsen kien xtralha karozza Daewoo. Tghid li Mohsen qatt ma kien heddida u li kienet iddahhallu d-droga l-habs sabiex taqla l-flus minghandu. Lia ukoll stqarret li d-droga li nstabet fil-locker kienet ghaliha u mhux ghal Mohsen.

Gina Lia tressqet ukoll mill-prosekuzzjoni sabiex tixhed viva voce fl-iter tal-proceduri odjerni. Fix-xhieda taghha hija tat l-istess verzjoni u sussegwentament

---

[3] Fol. 44 tal-atti processwali.

ghaddiet sabiex tikkonfer dak li stqarret fl-istqarrija guramentata b'eccezzjoni ghat-theddid. Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, Lia stqarret li hija kienet mhedda mill-qua imputat sabiex iddahhal l-herojina fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Tghid li f'dak il-perjodu hija kellha t-tfal zghar u kien hemm huha detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ghall-perjodu twil ta' zmien. Tghid li l-imputat kien ifakkarha li hija ghandha tfal zghar u li huha jinsab detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Tghid minhabba f'hekk kienet tibza u ghaldaqstant kienet taghmel dak mitlub minnha mill-qua imputat. Mistoqsija ghaliex din ma qalitiex fl-istqarrija guramentata, Lia twiegeb li dak iz-zmien huha kien ghadu l-habs u ghaldaqstant bezghet. In kontro ezami, Lia xehdet li hija qatt ma kellha relazzjoni mal-qua imputat.

Iktar tard fil-proceduri odjerni, Lia kienet regghet giet mharrka mid-difiza ghall-kontro-ezami ulterjuri. Minkejja d-domandi li sarulha hija zammet ma dak mistqarr minnha fl-istqarrija guramentata. Madanakollu f'din l-istanza hija taghmel referenza ghar-relazzjoni qasira li kellha mal-qua imputat.

B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita tal-imputat</u>

Fl-ewwel lok u ghal kull bon fini jinghad li din il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dana galadarba din ittiehdet minghajr ma l-imputat gie mghoti d-dritt tal-assistenza legali qabel u waqt l-istqarrija.

Illi l-unika prova determinanti rimanenti hija propju x-xhieda ta' Gina Lia. Hekk kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Joe Galea Debono nhar is-6 ta' Jannar 2002 fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs. Omar Pisani</u>:

> *"Illi skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali, f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jigguidika fuq il-fatt , hijja bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox , daqs kemm kieku l-fatt gie privat minn zewg xhieda jew aktar."*

Ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali decizjoni dwar il-kredibilita' ta' xhud:

> *"titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ".*

Din il-Qorti hekk kif preseduta qrat it-testimonjanza li tat Lia fl-istqarrija guramentata kif ukoll quddiem din il-Qorti diversament preseduta filwaqt li rat

il-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda meta giet inguna ghall-kontro-ezami finali tad-difiza. Kjarament jirrizulta li Gina Lia kienet konsistenti fil-verzjoni taghha. Fit-tlett istanzi li fihom xehdet hija irrepettiet l-istess verzjoni b'differenzi minimi li ser jigu indirizzati iktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Il-konsistenza fix-xhieda taghha baqghet minkejja t-trapass taz-zmien (li kien wiehed kunsiderevoli fil-fatt fl-ahhar istanza tax-xhieda taghha saret referenza ghall-fatti li graw madwar erbatax-il sena ilu) u minghajr ma qatt inqratilha t-testimonjanza li tkun tat precedentament qabel ma terga taghti l-verzjoni taghha. Lia kienet konsistenti fuq id-drabi li dahlet id-droga l-habs ghal qua imputat. Fil-fatt Lia taghmel referenza ghal diversi okkazzjonijiet precedenti li fihom dahlet id-droga l-habs ghal qua imputat. Din l-informazzjoni Lia tatha minn jeddha minghajr ma kienet inqabdet *flagrante delicto* taghmel dan fl-okkazzjonijiet precedenti u dana bil-konsegwenza li anke inkriminat lilha nnifisha b'dak mistqarr minnha. Dan kollu jaghti kredibbilita' lix-xhud. L-unika differenza fil-verzjonijiet kienet il-kwistjoni tat-theddid. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, kien wiehed minimu anke fin-natura tieghu u ma jnaqqas xejn mill-fatt li d-droga kienet intiza ghal Mohsen u li kien propju Mohsen li kien hallas ghaliha (droga). Skond ix-xhieda ta' Lia, hija tispjega li dan it-theddid kien jikkonsisti filli l-imputat ifakkar lil Gina li huha kien detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u li kien ghad ghandha t-tfal zghar. Tghid li meta kien jghidilha dan il-kliem hija kienet tibza'. Madanakollu hija tikkonferma li hija dahlet id-droga gewwa l-habs ghal qua imputat bi hlas u li dan fl-ahhar mill-ahhar ghamlitu sabiex taqla' l-flus. Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aspett tax-xhieda ta' Lia ma jimpingiex fuq il-kredibilita' tax-xhud dwar min kien inkariga sabiex iddahhal id-droga l-habs. Lanqas ma jnaqqas xejn mill-verzjoni tal-imputata l-fatt li setgha kien hemm jew altrimenti ma kienx hemm relazzjoni intima bejnha u Mohsen. Dan qed jinghad il-ghaliex l-ewwel verzjoni taghha inghatat immedjatament wara li giet arrestata waqt li kienet ippruvat iddahal id-droga gewwa l-habs. Il-fatt li minn dakinhar sallum il-verzjoni baqghet wahda konsistenti juri bic-car li r-relazzjoni li setgha kellhom bejniethom (jekk kienux hbieb intimi, tnejn min-nies li qed jaghmlu transazzjoni dwar droga jew altrimenti jekk kienx hemm sitwazzjoni fejn l-imputat kien qed jhedded lil Lia sabiex iddahhal id-droga l-habs) ma kinitx fattur determinanti ghall-verzjoni mghotija minn Lia u ghaldaqstant ma ghandiex tkun fattur li b'xi mod inaqqas mill-kredibilita' tal-verzjoni ta' Li, li hekk kif spjegat iktar il-fuq hija verzjoni li ghandha mis-sewwa anke tenut kont tal-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda.

Fis-sottomissjonijiet tad-difiza, nghad li Lia kienet qed iddahhal id-droga gewwa l-habs ghal huha. Dan bir-rispett kollu ma huwiex sorrett mill-provi la dawk imressqa mill-prosekuzzjoni u lanqas dawk imressqa mid-difiza. Jinghad ukoll li kull meta giet affaccjata mid-difiza b'din l-allegazzjoni fix-xhieda taghha, Gina Lia bla tlaqlieq tghid li dak li qed tghid hi jistgha facilment jigi kkonfermat mir-records tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Di piu jinghad li Lia fix-xhieda taghha

ma taghmilx referenza biss ghal meta inqabdet flagrante delicto ddahhal id-droga l-habs izda anke f'okkazzjonijiet precedenti li ma kelliex ghalfejn issemmiehom. Dan juri bic-car li l-isem l-imputat ma nghatax biss sabiex tiskolpa lil huha tenut kont li kienet inqabdet flagrante delicto ddahhal id-droga l-habs.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula din il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni moghtija minn Gina Lia hija wahda kredibbli.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-qua imputat jinsab akkuzat li traffika d-droga eroina. Ai termini tal-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta d-definizzjoni ta' 'traffikar' tinkludi:

> *"(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni makenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u <u>l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza</u>."*
> (emfazi ta' din il-Qorti).

Mit-testimonjanza ta' Gina Lia jirrizulta li l-qua imputat kien qal lill-istess Lia minghand min hija kellha tixtri s-sustanza eroina. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jaqgha fid-definizzjoni ta' traffikar u konsegwentament l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentament ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-qua imputat jinsab akkuzat li ttanta jaghmel reat kontra l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew altrimenti talli hajjar jew gieghel lil xi persuna ohra taghml reat ai termini tal-artikolu 22(5) tal-istess Kap. 101. Fid-dawl tax-xhieda mghotija minn Lia meta xehdet li kien propju l-qua imputat li kien talabha ddahhal id-droga eroina gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, din l-imputazzjoni giet ukoll sodisfacentament ippruvata.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-qua imputat jinsab akkuzat talli minghajr awtorita' legittima dahal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs oggetti projbiti. Mill-provi mressqa ma jirrizultax li kien il-qua imputat li fizikament dahal id-droga gewwa l-habs izda kienet ix-xhud Gina Lia. Madanakollu, skond it-testimonjanza tal-istess Lia, jirrizulta li kien proprju l-qua imputat li ta l-istruzzjonijiet sabiex Lia iddahhal id-droga eroina gewwa l-habs. Dan l-agir jaqgha fid-definizzjoni ta' komplici. Fil-fatt l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jistipula:

> *"Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –*

*(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*
*(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkuntat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
*(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*
*(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jewikkunsmat; jew*
*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

L-artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali jistipula:

*"Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta'reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jewbħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jewittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan:*
*Iżda meta persuna akkużata, fl-att tal-akkużan, b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat tiġi ddikjarata ħatja kif imsemmi qabel bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, tar-reat, ikkunsmat jew ittentat, il-piena ma għandhiex tkun aktar gravi mill-piena mitluba fl-att tal-akkuża"* (emfazi ta' din il-Qorti)

Huwa minnu li dan is-subartikolu jirregola l-attribuzzjonijiet tal-guri fi process quddiem il-Qorti Kriminali. Madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti galadarba l-gudikanti tal-fatt fil-Qorti Kriminali, li hija meqjusa bhala l-iktar Qorti formali ta' kompetenza ta' gudikatura Kriminali ghar-reat l-iktar serji, jistghu jaslu ghall-konkluzzjonijiet stipulati fis-subartikolu hawn fuq imsemmi, ma hemm xejn li jzomm lil din il-Qorti li hija ukoll Qorti ta' Gudikatura kriminali b'kompetenza inferjuri li tasal ghall-istess konkluzzjonijiet. Skond dak stipulat fis-subartikolu hawn fuq citat, jekk persuna imputata tkun akkuzat bhala awtur, hekk kif il-prosekuzzjoni ghazlu li jakkuzaw lill-qua imputat, f'kaz li mill-provi jirrizulta li

l-irwol tal-imputat ikun dak ta' komplici, l-Qorti tkun tista' issibu hati ta' komplicita'. Applikati dawn il-principji fil-kaz odjern, mill-provi jirrizulta li kien proprju l-qua imputat li xewwex u ta' struzzjonijiet lil Gina Lia sabiex iddahhal oggett projbit u cioe' d-droga eroina gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Di piu' jirrizulta ukoll li l-qua imputat kien hallas lil Lia bil-ghan li taghmel dan. Ghaldaqstant, ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, l-prosekuzzjoni rnexxielha sodisfacentament tipprova l-komplicita' ta' l-imputat ghat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

In kwantu ghar-raba' imputazzjoni li tirrigwarda r-recidiva jinghad li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentament ippruvata galadarba l-prosekuzzjoni ma ressqietx prova ta' meta l-piena mghotija fil-konfront tal-qua imputat permezz tas-sentenzi esebiti giet skontata. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati inkluz l-ammont u n-natura tad-droga nvoluta; kif ukoll il-fedina penali tal-imputat. Ittiehed ukoll kont tat-trapass taz-zmien minn meta sehhew il-fatti.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qed issib lill-qua imputat mhux hati tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant qed tilliberah mill-istess, Madanakollu wara li rat ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-qua imputat, Mosbah Mohsen Ben Brahim, hati tal-ewwel, tat-tieni u ta' komplicita' fit-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundana lill-istess Mosbah Mohsen Ben Brahim ghall-perjodu ta' hmistax-il xahar prigunerija effettiva**.**

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur